

42003D0767

28.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 277/16

**KONFERENZA TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TA' L-ISTATI MEMBRI  
DEĊIŻJONI MEĦUDA BI QBIL KOMUNI, FIL-LIVELL  
TA' KAPIJIET TA' STAT JEW GVERN, MILL-GVERNJIET TA' L-ISTATI MEMBRI LI GĦANDHOM  
L-EWRO BĦALA L-MUNITA TAGĦHOM.  
tas-16 ta' Ottubru 2003  
li taħtar il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew**

(2003/767/KE)

IL-KAPIJIET TA' STAT JEW GVERN TA' L-ISTATI MEMBRI  
TAL-KOMUNITÀ EWROPEA LI GĦANDHOM L-EWRO BĦALA  
L-MUNITA TAGĦHOM,

(2) Fittra bid-data tas-17 ta' April 2003 mibgħuta lill-President  
tal-Kunsill Ewropew, Mr. Wim Duisenberg aċċetta li jibqa'  
fil-kariga sakemm ikun maħtur is-suċċessur tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,  
u b'mod partikolari l-Artikolu 112(2)(b) u l-Artikolu 122(4)  
tiegħu, u l-Artikoli 11.2 u 43.3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-  
Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank  
Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>,

Billi:

(1) Mr Wim Duisenberg, President tal-Bank Ċentrali Ewropew,  
fittra bid-data tad-9 ta' Jannar 2003 mibgħuta lis-  
Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ħabbar  
l-intenzjoni tiegħu li jirriżenja minn President tal-Bank  
fid-9 ta' Lulju 2003,

*Artikolu 1*

Mr Jean-Claude TRICHET huwa b'dan maħtur President tal-Bank  
Ċentrali Ewropew għal kariga ta' tmien snin mill-1 ta'  
Novembru 2003, bir-riżenja ta' Mr Wim Duisenberg tkun  
aċċettata u tieħu effett f'dak il-jum.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'  
l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Ottubru 2003.

*Il-President*

S. BERLUSCONI

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, tad-19.07.03, pġ. 45.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tat-23 ta' Settembru 2003 (għadha mhux ippublikata fil-  
Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 187, tas-7.08.03, pġ. 16.